Muscat Joseph, Bank Employee, Bormla
Muscat Valerian, Head, Il-Mosta
Pace Natasha, Clerk, Il-Gżira
Pace Ritianne née Gauci, Director, Il-Fgura
Paris Priscilla née Azzopardi, Clerk, Il-Mosta
Perrone Mary Grace née Farrugia, Bank Employee, Is-Siġġiewi
Portelli Dolores-Rita, Information Technologist, Iż-Żejtun
Portelli Laurabelle, Research Analyst, Marsaskala
Portelli Michael, Signatory, Ix-Xagħra
Privitera Silvio (Salvatore), Go Employee, Is-Swieqi
Psaila Giuseppe, Hairdresser, Ħal Qormi
Psaila Mary Jo (Mary Josephine) née Camilleri, Communications, Ħad-Dingli
Psaila Robert, Communications, Ħaż-Żebbuġ
Pullicino Maria Antonella née Mifsud, Doctor, Ħaż-Żebbuġ
Pullicino Stephania née Aquilina, University Graduate, Ħal Għargħur
Rapa Angel née Zammit, Lawyer, Il-Mosta
Reginiano Simon, Doctor, Ħ'Attard
Richardson Naomi, Agricultural Scientist, Ħad-Dingli
Rocco Graziella, University Student, Ħal Tarxien
Rossi Anna-Maria, Bank Employee, Tas-Sliema
Rossitto Charmaine née Calleja, Bank Employee, Birkirkara
Saliba John, Clerk, Birżebbuġa
Sammut Carol (Carolina) née Azzopardi, Bank Employee, Marsaskala
Sammut Claire née Sciberras, Clerk, Tas-Sliema
Sant Charmaine née Galea, Clerk, Il-Gżira
Scerri Anthony, Assistant Dist. Timer, Il-Qala
Schembri Vanessa née Azzopardi, Health Officer, Iż-Żurrieq
Scicluna Grech Josienne, Principal, Għajnsielem
Scicluna Simon, Engineer, Is-Siġġiewi
Seguna Agius Mary-Grace née Agius, Professional Officer, Il-Kalkara
Simpkin Antonia née, Public Officer, Ħal Luqa
Spiteri Joseph, Electrical Engineer, Ħal Tarxien
Spiteri Swain Patrick née, Signatory, Il-Mosta
Stafrace Suzanne née Sant, Clerk, Ir-Rabat

Sultana Clayton, Mechanical Engineer, San Pawl il-Baħar
Sultana Ian-Victor, Accountant, Ħal Balzan
Sultana Scerri Sonja née Sultana, University Graduate, Ix-Xagħra
Tabone Domenic, Technical Officer, Floriana
Tanti Doreen (Doris) née Brincau, Bank Employee, Birkirkara
Tanti Marisa née Bartolo, Accountant, Il-Mellieħa
Tanti May, Principal, Il-Gżira
Theuma Rachel née Debattista, Administrator, Birkirkara
Tua Katya née Azzopardi, Director, Is-Swieqi
Vassallo Fiona née Busuttil, Clerk, Ħad-Dingli
Vella De Fremeaux Patricia, Public Notary, San Ġiljan
Vella Engelbert, Student, Birkirkara
Vella Graziella née Zammit, Clerk, Marsaskala
Vella Helena née Buhagiar, Bank Employee, San Ġwann
Vella Jean-Pierre, Pharmacy Technician,
Vella Jones Ruth, Nurse, Ħ'Attard
Vella Sandro, Doctor, Il-Mosta
Vigna Carlo Matthias, Lawyer, Birkirkara
Williams Rachel Antoinette, Bank Employee, San Pawl il-Baħar
Xuereb Clarissa née Caruana, Clerk, San Ġiljan
Xuereb Marisa, Accountant, Marsaskala
Zahra Alison, Manager, Iż-Żurrieq
Zahra Emanuel, Executive Officer, Ħal Balzan
Zammit Adrian, Director, San Ġiljan
Zammit Erika, Student, San Ġwann
Zammit Grech Romona, Manager, Ħal Għargħur
Zammit Joseph, Bank Employee, Is-Swieqi
Zammit Mari, Bank Employee, Il-Mosta
Zammit Mark, Bank Employee, Marsaskala
Zammit Michelle, Clerk, San Pawl il-Baħar
Zerafa Patricia, University Graduate, In-Naxxar
Zurgani Sausan, Bank Employee, Iż-Żurrieq

Reġistru tal-Qrati Superjuri, Il-Belt Valletta, illum it-Tlieta, 12 ta' Marzu, 2024.

(Iff.) FRANKLIN CALLEJA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali

Registry of the Superior Courts, Valletta, today, Tuesday, 12th March, 2024.

(Sgd) FRANKLIN CALLEJA
f/Registrar, Courts and Criminal Tribunals

629

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-11 ta' Marzu, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1454/2023GG, li ġie ppreżentat fil-21 ta' Diċembru, 2023, fl-ismijiet: Bank of Valletta plc vs Micallef Raimonda sive Raymonda pro et noe, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12, biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-konvenuta Raimonda Micallef tirrifondi s-somma ta' miljun u mija u ħamsa u għoxrin elf, seba' mija u sebgħa u sittin ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€1,125,767.98ċ), lis-soċjetà konvenuta Guaranteed Ltd, tirrifondi s-somma ta' mitejn u wieħed u tmenin elf, disa' mija u tlieta u disgħin ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€281,993.92ċ) u lil Dominic Micallef jirrifondi s-somma ta' mija u għaxart elef, ħames mija u tmienja u erbgħin ewro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€110,548.27ċ). Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax legali kontra l-konvenuti li huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-16 ta' April, 2024, fil-11.00 a.m.

Notifika Intimati: Micallef Raimonda u Guaranteed Ltd u Micallef Dominic, Sandringham, Triq Sir Ugo Mifsud, Ta' Xbiex

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 11th March 2024, in the records of Sworn Application number 1454/2023GG, which was filed on the 21st December, 2023, in the names: Bank of Valletta plc vs Micallef Raimonda sive Raymonda pro et noe, the following publication was ordered, in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondents. The applicant asked this Honourable Court to, among others: Condemn the defendant Raimonda Micallef to refund the sum of one million and one hundred and twenty five thousand, seven hundred and sixty seven euro and ninety eight cents (€1,125,767.98c), to the defendant company Guaranteed Ltd, to refund the sum of two hundred and eighty one thousand, nine hundred and ninety three euro and ninety two cents (€281,993.92c) and to Dominic Micallef to refund the sum of one hundred and ten thousand, five hundred and forty-eight euro and twenty-seven cents (€110,548.27c). With all costs and legal interest against the defendants who are summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 16th April, 2024, at 11.00 a.m.

Notify Respondents: Micallef Raimonda and Guaranteed Ltd and Micallef Dominic, Sandringham, Sir Ugo Mifsud Street, Ta' Xbiex

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 13 ta' Marzu, 2024

CARMEL ABELA M.SC. IN MANAGEMENT DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 13th March, 2024

CARMEL ABELA M.SC. IN MANAGEMENT DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

630

Avviż mir-Reġistru, Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja)

Billi r-rikorrenti Katriona Polidano (KI 172089M) ippreżentat rikors ġuramentat (numru 37/24 AL) fejn talbet il-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid tal-minuri Katleshia Polidano bin-numru 1331/2013 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppeżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tingħata għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,

Illum 28 ta' Jannar, 2021

RITA VELLA BALDACCHINO
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notice, Registry of the Civil Court (Family Section)

Whereas the plaintiff Katriona Polidano (ID 172089M) filed an application under oath (number 22/21 AL) demanding corrections of the Act of Birth of the minor Noah Galea, number 1331/2013 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,

This 28th January, 2021

RITA VELLA BALDACCHINO
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

631

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-22 ta' Frar, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1181/2020DC, li ġie ppreżentat fit-8 ta' Novembru, 2023, fl-ismijiet: Bileci Aristide Antonio et vs Attard Jeffrey noe, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12, biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Jipproċedu għall-pubblikazzjoni tal-att finali ta' trasferiment tal-fond imsemmi.

Notifika Intimat: Attard Jeffrey, Lara Investments Limited, Lara Buildings, 1, Office 3, Triq Ġużeppi Calleja, L-Iklin

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 4 ta' Marzu, 2024

CARMEL ABELA M.SC. IN MANAGEMENT DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 22nd February, 2024, in the records of Sworn Application number 1181/2020DC, which was filed on the 8th November, 2023, in the names: Bileci Aristide Antonio et vs Attard Jeffrey noe, the following publication was ordered in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap.12, for the purpose of service of the respondent. The applicants asked this Honourable Court to, among others: Proceed to the publication of the final deed of transfer of the said premises.

Notify Respondent: Attard Jeffrey. Lara investments Limited. Lara Buildings, 1, Office 3, Triq Ġużeppi Calleja, Iklin

Registry of the Superior Courts, today 4th March, 2024

CARMEL ABELA M.SC. IN MANAGEMENT DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

632

Permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' Frar, 2024, mill-Bord Dwar il-Kontroll ta' Kiri ta' Raba' fl-atti tar-rikors fl-ismijiet A. G. Construction Limited vs Jesmond Grixti Rikors numru 13/2023SG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Jesmond Grixti a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet A.G. Construction Limited (C20730) vs Jesmond Grixti (KI 401269M) ippreżentat fil-Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri ta' Raba', fis-16 ta' Ġunju, 2023, ir-rikorrenti A. G. Construction Limited (C20730) talbet lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jordna l-awment fil-kera tar-raba' magħrufa bħala Taz-Zina sive Ta' Stejten, formanti parti mill-artijiet magħrufa bħala Tax-Xarolla, f'Bubaqra fil-limiti ta' Ħal Safi, ta' ċirka 10 itmiem ekwivalenti għal 11,240m.k. għall-perjodu ta' tmien snin u dan taħt dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet kollha li dan il-Bord jidhirlu xieraq u opportun.

Rikorrenti: 15, Horant, Triq Xeħt il-Forom, Iż-Żejtun

Intimat: Jesmond Grixti, 2, Mt Carmel F/H, Triq Ħal Far, Iż-Żurrieq

Ir-rikors fl-ismijiet A. G. Construction Limited vs Jesmond Grixti, Rikors numru 13/2023SG, jinsab differit għad-9 ta' April, 2024, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 15 ta' Marzu, 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 19th February, 2024, of the Rural Leases Control Board, in the records of the Application in the names A. G. Construction Limited vs Jesmond Grixti, Application number 13/2023SG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Jesmond Grixti in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names A.G. Construction Limited (C-20730) vs Jesmond Grixti (ID 401269M),filed in the Rural Leases Control Board, on the 16th June, 2023, the applicant A. G. Construction Limited (C20730) requested this Honourable Board why it should not:

1. Order the increase in the rent of the land known as Taz-Zina sive Ta' Stejten, forming part of the land known as tax-Xarolla, in Bubaqra in the limits of Ħal Safi, of circa 10 tumoli equivalent to 11,240sq.m. for a period of eight years and this under all those terms and conditions that this Board deems fit and opportune.

Applicant: 15, Horant, Triq Xeħt il-Forom, Żejtun

respondent: Jesmond Grixti, 2, Mt Carmel F/H, Triq Ħal Far, Żurrieq

The application in the names A. G. Construction Limited vs Jesmond Grixti, Application number 13/2023SG, has been postponed for hearing to the 9th April, 2024, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 15th March, 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

633

Permezz ta' digriet mogħti fl-14 ta' Frar, 2024, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Michelle Ellul vs Anthony Albanese, Rikors numru 447/2023JG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Anthony Albanese a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' Rikors numru 447/2023JG, fl-ismijiet Michelle Ellul (KI 427788M) vs Anthony Albanese (KI 616041M) ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fil-31 ta' Awwissu, 2023, ir-rikorrenti Michelle Ellul (KI 427788M) talbet lil dan il-Bord sabiex:

By means of a decree of the 14th February, 2024, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Michelle Ellul vs Anthony Albanese, Application number 447/2023JG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Anthony Albanese in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an Application number 447/2023JG, in the names Michelle Ellul (ID 427788M) vs Anthony Albanese (ID 616041M) filed before the Rent Regulation Board, on the 31st August 2023 the applicant Michelle Ellul (ID 427788M) requested with respect so that this Board:

1. Jiddikjara illi l-intimat m'għandu l-ebda titolu validu fil-liġi fuq il-garaxxijiet appartenenti lir-rikorrenti, ossija il-garaxx 6B u l-garaxx 6A li huma sitwati fi Triq G. Borg Olivier, San Ġiljan;

2. Jordna l-iżgumbrament tal-intimat b'effett effettiv u immedjat mill-proprjetajiet imsemmija fit-talba preċedenti;

3. Jiddikjara illi l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' €10,950 rappreżentanti arretrati ta' kera dovuti in konnessjoni mal-kuntratti lokatizzji patwiti b'rabta mal-proprjetajiet indikati fl-ewwel (i) talba, liema kuntratti huma annessi ma' dan ir-rikors u mmarkati bħala Dok. B;

4. Jiddikjara illi l-intimat qiegħed jokkupa l-proprjetajiet imsemmija fl-ewwel (i) talba b'mod illegali u mingħajr titolu validu fil-liġi sa mill-1 ta' April ,2020;

5. Jillikwida d-danni inkluż okkorrendo bil-ħatra ta' periti nominadi f'każ ta' ħtieġa, rappreżentanti t-telf ta' kera sofferta mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-okkupazzjoni illegali tal-proprjetajiet imsemmija fl-ewwel (i) talba daparti tal-intimati mill-1 ta' April 2020 sad-data tal-izgumbrament effettiv tal-istess intimat;

6. Jordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti l-ammont indikat fit-tielet (3) talba ta' dan ir-rikors flimkien mad-danni likwidati minn dan l-Onorabbli Bord in linea tal-ħames (5) talba tar-rikorrenti.

Bl-ispejjeż u bl-interessi, kif ukoll b'riżerva għal kwalunkwe azzjoni oħra spettanti lir-rikorrenti skont il-liġi in konnessjoni ma' kwalsijasi kreditu ieħor li talvolta jista' jkollha r-rikorrenti fil-konfront tal-intimat b'rabta mal-kirjiet in mertu.

Attriċi: 25, Flat 6, Vincenti Buildings, Triq id-Dejqa, Il-Belt Valletta

Intimat: Anthony Albanese, 6, Triq George Borg Olivier, San Ġiljan

Ir-rikors fl-ismijiet Michelle Ellul vs Anthony Albanese, Rikors numru 447/2023JG, jinsab differit għall-10 ta' April, 2024, fid-9.10 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 15 ta' Marzu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

1. Declare that the respondent has no valid title at law on the garages belonging to the applicant, that is the 6B garage and the 6A garage situated in Triq G. Borg Olivier, St Julian's;

2. Order the eviction of the respondent with immediate and effective effect from the properties mentioned in the previous demand;

3. Declare that the respondent is a debtor of the applicant in the sum of €10,950 representing arrears of rent due in connection with the lease contracts paid in connection with the properties indicated in the first (i) request, which contracts are attached to this lease and marked as Doc. B;

4. Declare that the respondent is occupying the properties mentioned in the first (i) request illegally and without a valid title at law as from the 1st April, 2020;

5. Liquidate the damages including if necessary by the appointment of nominated architects in case of néed, representing the loss of rent suffered by the applicant as a consequence of the illegal occupation of the properties mentioned in the first (i) request on the part of the respondent from the 1st April 2020 till the date of the effective eviction of the same respondent;

6. Order the respondent to pay the applicant the amount indicated in the third (3) request of this application together with the damages liquidated by this Honourable Board in terms of the fifth (5) request of the applicant.

With costs and interests, as well as reserving any other action due to the applicant according to law in connection with any other credit that the applicant may have against the respondent in connection with the leases in merit.

Applicant: 25, Flat 6, Vincenti Buildings, Triq id-Dejqa, Valletta

Respondent: Anthony Albanese, 6, Triq George Borg Olivier, St Julian's

The application in the names Michelle Ellul vs Anthony Albanese, Application number 447/2023JGM, has been postponed for hearing to the 10th April, 2024, at 9.10 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 15th March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

634

Permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' Frar, 2024, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat

By means of a decree of the 21st February, 2024, of the Civil Court (Family Section), in the records of the sworn

numru 135/23AGV, fl-ismijiet Josephine Mizzi vs Harjinder Sirgh, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Harjinder Sirgh a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta rikors fl-ismijiet Josephine Mizzi vs Harjinder Sirgh fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 135/2023AGV, ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fil-25 ta' Mejju, 2023, ir-rikorrenti Josephine Mizzi (KI 178380M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tawtorizza illi l-minuri tgħix mar-rikorrenti b'aċċess ta' darbtejn fil-ġimgħa mal-missier ta' sagħtejn kull darba;

2. Tawtorizza sleep over b'mod alternat mill-Ġimgħa għas-Sibt u mis-Sibt għal Ħadd;

3. Talloka manteniment ta' €350 versu l-minuri kull xahar;

4. Tordna l-ħlas ta' nofs l-ispejjeż tal-edukazzjoni u s-saħħa tal-minuri mingħand il-konvenut;

5. Tawtorizza l-kunsens għat-tiġdid tal-passaport f'isem il-minuri mingħand l-omm jekk il-missier jirrifjuta illi jagħti l-kunsens tiegħu mingħajr raġuni valida fi ħdan il-liġi;

6. Tawtorizza l-aċċess fil-festi pubbliċi b'mod alternat inkluż dawk tal-Milied u l-ewwel tas-sena;

U dan taħt dawk id-direttivi illi din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi.

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża kontra l-intimat li minn issa jinsab inġunt għas-subizzjoni.

Il-kawża fl-ismijiet Josephine Mizzi vs Harjinder Singh (Rikors numru 135/2023AGV) hija differita għall-10 ta' April, 2024, fid-9.00 a.m.

Rikorrenti: 42, Olant, Triq in-Nirien, Is-Siġġiewi

Notifika: Harjinder Singh, 60, Sagra Familja, Triq il-Mina ta' Hompesch, Ħaż-Żabbar

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 15 ta' Marzu, 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

application in the names Josephine Mizzi vs Harjinder Singh, number 135/2023AGV, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Harjinder Singh in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an Application in the records of the Sworn Application number 135/2023AGV in the names Josephine Mizzi vs Harjinder Singh , filed in the Civil Court (Family Section), on the 25th May, 2023, the applicant Josephine Mizzi (ID 178380M) requested this Honourable Court to:

1. Authorise that the minor lives with the applicant with twice weekly access with the father of two hours each time;

2. Authorise sleep over alternately from Friday to Saturday and from Saturday to Sunday;

3. Allocate maintenance of €350 towards the minor every month;

4. Order the payment of half the education and health expenses of the minor from the defendant;

5. Authorise the consent for the renewal of the passport in the name of the minor from the mother if the father refuses to give his consent without valid reason within law;

6. Authorise access to public holidays alternately including Christmas and new year's feasts;

And this under those directives that this Court deems fit and opportune in the circumstances.

With costs of this cause against the respondent who is from now summoned so that a reference to his oath be made

The application in the names Josephine Mizzi vs Harjinder Singh, Application number 135/2023AGV has been postponed for hearing to the 10th April, 2024, at 9.00 a.m.

Applicant: 42, Olant, Triq in-Nirien, Siġġiewi

Notification: Harjinder Singh, 60, Sagra Familja, Triq il-Mina ta' Hompesch, Ħaż-Żabbar

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 15th March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

635

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili,

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of

b'Digriet tat-13 ta' Frar, 2024, u dan wara Rikors b'numru 37/2024, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku f'Għawdex li jagħmel l-annotazzjonijiet jew korrezzjonijiet opportuni fl-Att taż-Żwieġ numru 116/2021 biex kunjom ir-rikorrenti, Christian Bajada u Amy Vella Haber, jiġi mibdul minn 'Bajada' u 'Vella Haber' rispettivament għal 'Bajada Vella Haber'.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum il-Ġimgħa 16 ta' Frar, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Notarial Acts, by a Decree dated the 13th February, 2024, and upon an application numbered 37/2024, ordered:

The Director of the Public Registry in Gozo to make the appropriate annotations or corrections in the Act of Marriage bearing number 116/2021 so that the applicant's surname, Christian Bajada and Amy Vella Haber, is changed from 'Bajada' and 'Vella Haber' respectively for 'Bajada Vella Haber'.

Court of Revision of Notarial Acts

Today Friday 16th February, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

636

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-14 ta' Marzu, 2024, fuq rikors ta' Chester Holdings Limited (C74645) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 17 ta' Ottubru, 2024, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta tal-fond hawn taħt deskritt:

a) Il-mezzanin bin-numru uffiċjali erbgħa u għoxrin (24) u denominat bħala 'Mary House' u ġja qabel bl-isem 'Rita', fi Triq Sant'Elija, Birkirkara, eżenti mill-ħlas ta' ċens annwu u perpetwu, illum imwaqqa' u minfloku hemm permess (PA 6128/19) tal-bini attiv biex jinbnew tliet (3) appartamenti, wieħed kull sular u appartament irtirat (setback floor) fir-raba' sular (4th floor), u li se jkollhom aċċess minn komun u lift li jibda mill-ewwel sular u ċjoè mhux mill-pjan terran, konfinanti mit-Tramuntana mal-imsemmija triq, mill-Punent ma' proprjetà ta' Joseph Fenech u mil-Lvant ma' proprjetà ta' Spiridiona Bezzina jew l-aventi kawża tagħhom jew irjieħ oħrajn verjuri, kif sovrapost għal beni ta' terzi u stmat li jiswa' tliet mija u għoxrin elf ewro (€320,000);

b) Il-mezzanin bin-numru uffiċjali tnejn u sebgħin (72), ġja numru għoxrin ittra A (20A), fi Triq Clarence, Tal-Pietà, u ċjoè l-arja mill-ewwel sular 'il fuq u l-entratura mit-triq, li iżda dan huwa suġġett għat-twaqqigħ tal-mezzanin li hemm fl-ewwel sular bħalissa u li l-istess fond huwa suġġett li jerġa' jinbena sa stat ta' shell, bi tqassim differenti bħala appartament numru wieħed fil-kumpless li għad irid jinbena u dan skont il-permess tal-bini attiv (non executable) PA 8150/20, fejn il-mezzanin li hu eżistenti jrid jitwaqqa' u minfloku jinbnew erba' appartamenti, wieħed kull sular u appartament irtirat (setback floor) fil-ħames sular (5th floor), eskluż l-arja formanti parti mill-istess fond, bejn nofs is-saqaf tal-ground floor level sa nofs is-saqaf tal-first floor level, ossija dik l-arja tal-kejl ta' ċirka mija u ħamsa u għoxrin

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 14th March, 2024, on the application of Chester Holdings Limited (C74645), Thursday, 17th October, 2024, at eleven in the morning (11.00 a.m.), has been fixed for the sale by auction to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta of the following property:

a) The maisonette with official number twenty four (24) and named 'Mary House' and previously named 'Rita', in Triq Sant'Elija, Birkirkara, exempt from the annual and perpetual ground rent payment, today demolished and instead there is an active building permit (PA 6128/19) to construct three (3) apartments, one on each level and a setback apartment on the fourth (4th) floor, and which will have access from the common area and lift from the first floor and therefore not from the ground floor, bounded north with the said street, west with property of Joseph Fenech and east with property of Spiridiona Bezzina or their successors in title or other correct boundaries, overlying third party property, and is valued at three hundred and twenty thousand euro (€320,000);

b) The maisonette with official number seventy two (72), previously numbered twenty letter A (20A), in Triq Clarence, Tal-Pietà, and therefore the airspace from the first floor upwards, with a street entrance, which however, this is subject to the demolition of the present maisonette on the first floor and the same tenement is subject to be re built into a shell form state divided differently as an apartment number one in the complex which is yet to be built, and this according to the active building permit (non executable) PA 8150/20, where the existing maisonette will be demolished and rebuilt into four apartments, one on each floor, and a setback apartment on the fifth (5th) floor, excluding the airspace forming part of the same tenement, between half of the ceiling of the ground floor level till the middle of the ceiling of the first floor level,

metru kwadru (125m.k) li ladarba l-blokka tiġi kostruwita sejra tifforma l-appartamenti internament immarkat bin-numru wieħed (1) formanti parti mill-istess blokk ta' appartamenti. L-appartamenti se jkollhom aċċess minn komun u lift li jibda mill-ewwel sular u ċjoè mhux mill-pjan terran, suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' sitt ewro u tmienja u disgħin ċenteżmi (€6.98) u liema fond jikkonfina min-Nofsinhar mal-imsemmija Triq Clarence, mill-Punent mal-mezzanin ġja nnumerat tnejn u għoxrin ittra A (22A) u mit-Tramuntana mal-art żdingata proprjetà tal-aventi kawża ta' Bernarda Aquilina jew irjieħ iktar korretti u stmat li jiswa mitejn elf ewro (€200,000);

c) Terz indiviż (1/3) mill-mezzanin bin-numru erbgħa (4), bl-isem Anil, fi Triq il-Ħawt, Is-Swieqi, sitwat fl-ewwel sular, b'aċċess minn Triq il-Ħawt, is-Swieqi, bil-bejt u l-arja tiegħu, u li tikkonfina mill-Majjistral ma' Triq il-Ħawt, filwaqt li mill-Grigal, mix-Xlokk u mil-Lbiċ tikkonfina ma' proprjetà terzi u stmat li jiswa mija u għaxart elef ewro (€110,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Mercieca Alexander (KI 85363M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 43/2021.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 15 ta' Marzu, 2024

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

ossija the airspace measuring circa one hundred and twenty five square metre (125sqm) which once the block is built will be forming apartments internally numbered one (1) forming part of the same block of apartments. The apartments will be having access from a common area and lift from the first floor and therefore not from the ground floor level, is subject to the annual and perpetual ground rent of six euro and ninety eight cents (€6.98) and which tenement is bounded South with the said Triq Clarence, West with the maisonette previously numbered twenty two letter A (22A), and North with the derelict land property of the successors in title of Bernarda Aquilina or more correct boundaries and is valued at two hundred thousand euro (€200,000);

c) One third undivided share of the maisonette number four (4), named Anil, in Triq il-Hawt, Swieqi, situated on the first floor, with access from Triq il-Hawt, Swieqi, with its roof and airspace, and which is bounded North West with Triq il-Hawt, whilst from the northeast, southeast and southwest is bounded with property of third parties, and is valued at one hundred and ten thousand euro (€110,000).

The said tenement is the property of Mercieca Alexander (ID 85363M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 43/2021.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 15th March, 2024

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

637

Bandu għall-kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixall tal-Qorti

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fid-19 ta' Ottubru, 2022, fuq talba ta' Maria Carmela sive Carmen Ferrante ġie ordnat illi jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lis-sidien mhux magħrufa fl-atti taċ-ċedola numru 3412/2022 fl-ismijiet Maria Carmela sive Carmen Ferrante vs Kuraturi Deputati u fl-atti u l-proċeduri l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu ta' Maria Carmela sive Carmen Ferrante (KI 0472639M), pensjonanta, armla ta' Gaetano Ferrante, bint il-mejtin Spiridione Portelli u Rita née Balzan, imwielda Tas-Sliema u residenti San Ġwann vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lis-sidien mhux magħrufa ossija l-eredi tal-aħwa Gauci Maistre, Maria

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Court Marshall

By a decree given by the Court of Magistrates (Malta) on the 19th October, 2022, following a request by Maria Carmela sive Carmen Ferrante it was ordered that Deputy Curators be selected to represent the unknown owners in the acts of the schedule of deposit number 3412/2022 in the names Maria Carmela sive Carmen Ferrante vs Deputy Curators and in other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit filed in the Court of Magistrates (Malta) on the 6th October 2022, in the names Maria Carmela sive Carmen Ferrante (ID 0472639M) pensioner, widow of Gaetano Ferrante, daughter of the late Spiridione Portelli and Rita née Balzan, born in Tas-Sliema and resided in San Ġwann vs Deputy Curators to

Stella Mifsud u Carmela Borg née Mifsud ulied il-mejtin Clemente Mifsud u Anna née Mamo, ippreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-6 ta' Ottubru, 2022, fejn Maria Carmela sive Carmen Ferrante (KI 0472639M) esponiet bir-rispett:

Illi permezz ta' kuntratt ta' diviżjoni fl-atti tan-Nutar Dott. Patrick Critien datat 21 ta' Awwissu, 1992 (hawn anness u mmarkat Dok. CF1) l-esponenti akkwistat il-garaxx bin-numru 42A, fi Triq Blanche Huber, Tas-Sliema, liema garaxx qabel dan kien appartenenti lil Spiridione Portelli, ossija missier l-esponenti;

Illi l-istess Spiridione Portelli kien akkwista dan il-garaxx permezz ta' kuntratt ta' akkwist li jinsab fl-atti tan-Nutar Joseph Agius datat 25 ta' Novembru, 1952 (hawn annessa u mmarkat Dok. CF2) flimkien ma' garaxx ieħor, dar u mezzanin;

Illi l-garaxx de quo, kif ukoll garaxx ieħor u mezzanin huma suġġetti għas-subċens annwu u perpetwu ta' żewġ liri u ħames xelini (Lm2.5.0) ossija żewġ liri u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (Lm2.25) ossija €5.24 liema subċens jinkludi fih iċ-ċens originali;

Illi l-esponenti qatt ma ħallsu s-subċens dovut u għalhekk qed jiddepożitaw ħlas ta' subċens għal dawn l-aħħar ħames (5) snin.

Għaldaqstant, l-esponenti sabiex tissalvagwardja l-interess kollha tagħha u teżumi ruħha minn kull responsabbiltà qiegħda tadixxi lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha qiegħda tiddepożita s-somma ta' €26.20, rappreżentanti ħames snin subċens annwu u perpetwu dovut gravanti fuq il-proprjetà de quo, liema somma għandha tiġi liberament żbankata mill-intimat illi jirriżulta illi għandu dritt għaliha skont il-liġi wara li tiġi rilaxxata d-debita riċevuta skont il-liġi.

Esponenti: Maria Carmela sive Carmen Ferrante, 29, Flat 4, Sqaq Tomna, San Ġwann

Notifika: Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla tal-Qorti, u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll illi tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx hekk fi żmien mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew tiltaqa' ma xi xkiel fl-eżekużżjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

represent the unknown that is the heirs of the siblings Gaui Maistre, Maria Stella Mifsud and Carmela Borg née Mifsud children of the lte Clemente Mifsud and Anna née Mamo, the applicant Maria Carmela sive Carmen Ferrante (ID 0472639M) respectfully submitted:

That by means of a deed of division in the records of Notary Doctor Patrick Critien dated 21st August, 1992 (here attached and marked Doc. CF1) the applicant acquired the garage with number 42A, in Triq Blanche Huber, Tas-Sliema, which garage previously belonged to Spiridione Portelli, or rather the father of the applicant;

That the same Spiridione Portelli had acquired this garage by means of a contract of acquisition which is found in the records of Notary Joseph Agius dated 25th November, 1952 (here attached and marked Doc. CF2) together with another garage, house and maisonette;

That the garage de quo, as well as another garage and a maisonette are subject to the annual and perpetual subgroundrent of two liri and five shillings (Lm2.5.0) or rather two liri and twenty five cents (Lm2.25) or rather €5.24 which subgroundrent includes the original groundrent;

That the applicants never paid the subgroundrent due and are thus depositing the payment of subgroundrent for the last five (5) years.

Thus, the applicant in order to safeguard all her interest and exempt herself from any responsibility is calling upon this Honourable Court and under its authority is depositing the sum of €26.20, representing five years annual and perpetual subgroundrent due burdening the property de quo, which sum is to be freely withdrawn by the respondent who results to have a right to it according to law after leaving the due receipt according to law.

Applicant: Maria Carmela sive Carmen Ferrante, 29, Flat 4, Sqaq Tomna, San Ġwann

Notification: Deputy curators

You are therefore ordered to post a copy of these banns in the entrance of the court and call upon whoever wishes to act as curator to appear within six (6) days in this registry and file a note with a declaration that he is prepared to act as such.

You are also ordered to inform everyone that if there is no such declaration within the stipulated time, this court will proceed to the selection of curators of office.

After so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of the said banns, you are to inform forthwith this Court.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fuq xhieda ta' Dott. Gabriella Vella, Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 19 ta' Ottubru, 2022

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 15 ta' Marzu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Given by the aforementioned Courts of Magistrates (Malta) with the witness of Dr Gabriella Vella, LLD, Doctor of Laws, Magistrate of the above-mentioned Court.

Today 19th October, 2022

Registry of the Magistrates Court (Malta), today 15th March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

638

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti , fid-29 ta' Frar, 2024, fuq talba ta' Sea Lodge Limited ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil Andrea Ciccotti, fl-atti tar-Rikors numru 14/2024ISB, fl-ismijiet Sea Lodge Limited vs Sailtur Ltd u Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat, ippreżentat, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Sea Lodge Limited (C62030) vs Sailtur Ltd (C94627) u Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw l-assenti Andrea Ciccotti (passaport Taljan YA3227430) u li jirrisjedi Rua Paulistania 205, AP, 151B, Pinheiros, Sao Paulo 05440-000, il-Brażil, ippreżentat fil-21 ta' Frar, 2024, ir-rikorrenti Sea Lodge Limited (C62030) esponiet bir-rispett u l-Avukat Tonio Fenech (KI 473663M) f'isem Sea Lodge bil-ġurament tiegħu kkonferma u talab sabiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi l-intimat Ciccotti kiser l-obbliġi tiegħu ta' direttur ai termini tal-artikolu 136A tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll li l-intimati jew min minnhom, kisru l-obbligi fiduċjarji tagħhom ai termini tal-artikoli 1124A(1)(a), 1124(3)(b) u/jew 1124A(4) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta; u/jew

2. Tiddikjara illi kwalunkwe flejjes li ġew approprjati u/jew akkwistaw u/jew b'xi mod ieħor ħadu jew tħallsu bi ksur tal-obbigi fiduċjarji tagħhom, flimkien ma' kwalunkwe oġġetti, dokumentazzjoni u/jew informazzjoni li preżentement qiegħda fil-pussess tal-intimati jew min minnhom minkejja illi tali oġġetti, mobbli, dokumentazzjoni u/jew informazzjoni tappartjeni lir-rikorrenti, għandhom lkoll jiġu rritornati lir-rikorrenti; u/jew

3. Tordna sabiex kwalunkwe flejjes li ma kienu qatt dovuti lill-intimati jew min minnhom, flimkien ma' kwalunkwe

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court, on the 29th February, 2024, following a request of Sea Lodge Limited it was ordered that deputy curators be chosen to represent Andrea Ciccotti, in the records of the Sworn Application 14/2024ISB, in the names Sea Lodge Limited vs Sailtur Ltd and Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a Sworn Application, filed in the First Hall Civil Court, in the names Sea Lodge Limited (C62030) vs Sailtur Ltd (C94627) and Deputy Curators to represent the absentee Andrea Cicotti (Italian passport number YA3227430) who resides at Rua Paulistania 205,AP, 151B, Pinheiros, Sao Paulo 05440-000, Brazil, on the 21st February, 2024, the applicant Sea Lodge Limited (C62030) requested with respect, whilst Advocate Tonio Fenech (ID 473663M) on behalf of Sea Lodge confirmed on oath, this Honourable Court to:

1. Declare that the respondent Ciccotti breached his obligations as director in terms of Article 136A of Cap 386 of the Laws of Malta, as well as that the respondents or any of them, breached their fiduciary obligations in terms of Articles 1124A(1)(a), 1124 (3) (b) and/or 1124A(4) of Cap 16 of the Laws of Malta; and/or

2. Declare that any moneys that were appropriated and/or acquired and/or otherwise received or paid in breach of their fiduciary obligations, together with any items, documentation and/or information that are presently in the possession of the respondents or either of them notwithstanding that such items, movables, documentation and/or information belong to the applicant, are to be returned to the applicant; and/or

3. Order that any monies that were never due to the respondents or either of them, together with any objects,

oġġetti, mobbli dokumentazzjoni u/jew informazzjoni li preżentement qiegħda fil-pussess tal-intimati jew min minnhom minkejja illi tali oġġetti, dokumentazzjoni u/jew informazzjoni tappartjeni lir-rikorrenti, għandhom ilkoll jiġu rritornati lir-rikorrenti u dan b'mod immedjat; u/jew

4. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti sforz l-aġir tal-intimati jew min minnhom; u/jew

5. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex iħallsu d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax

Atturi: c/o Dott. Tonio Fenech, 270, Triq San Ġiljan, Birkirkara

Notifika: Kuraturi deputati, Il-Qorti

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Ian Spiteri Bailey, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 29 ta' Frar, 2024

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 15 ta' Marzu, 2024

ALEXANDRADEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

movables documentation and/or information that is presently in the possession of the respondents or either of them notwithstanding that such objects, documentation and/or information belongs to the applicant, are to be returned to the applicant with immediate effect; and/or

4. Liquidate the damages suffered by the applicant due to the actions of the respondents or either of them; and/or

5. Condemn the respondents or either of whom to pay the damages so liquidated.

With costs and interest

Applicant: c/o Dr Tonio Fenech, 279 Triq San Ġiljan, Birkirkara

Notification: Deputy curators, Law Courts

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Ian Spiteri Bailey, LLD , Doctor of Laws.

Today 29th February, 2024

Registry of the Superior Courts, today 15th March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

639

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fis-6 ta' Lulju, 2023, fuq talba ta' Janet Leaf et ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eredi mhux magħrufa fl-atti taċ-ċedola numru 1337/2023 fl-ismijiet

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 6th July, 2023, following a request by Janet Leaf et vs Deputy Curators to represent the unknown heirs in the records of the schedule of deposit number 1337/2023 in the names Janet

Janet Leaf et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegewenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 1337/2023 fl-ismijiet Janet Leaf, pensjonanta, bint il-mejtin Sydney Thompson u Vera née Aspinall, imwielda f'Hull fl-Ingilterra u toqgħod Birżebbuġa (KI 0021983A); Joanne Paynter, real estate agent, bint Janet Leaf u l-mejjet Peter Leaf, imwielda f'Hull fl-Ingilterra u toqgħod Victoria fl-Awstralja (passaport numru PB5828605); Victoria Sampson, għalliema, bint Janet Leaf u l-mejjet Peter Leaf, imwielda f'Hull fl-Ingilterra u toqgħod Leeds fl-Ingilterra, (passaport bin-numru 534769199; u Samantha Fletcher weight loss consultant, bint Janet Leaf u l-mejjet Peter Leaf, imwielda f'Hull fl-Ingilterra u toqgħod Hull fl-Ingilterra (passaport bin-numru 124937573) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eredi kollha ta' Carmelo Zammit, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-28 ta' Ġunju, 2023, fejn Janet Leaf (KI 0021983A), Joanne Paynter (passaport numru PB5828605), Victoria Sampson (passaport numru 534769199) u Samantha Fletcher (passaport numru 124937573) esponew bir-rispett:

Illi permezz ta' kuntratt ta' akkwist fl-atti tan-Nutar Dott. Margaret Heywood datat 17 ta' Mejju. 2010, l-esponenti Janet Leaf kienet akkwistat flimkien ma' żewġha Peter Leaf, illum mejjet mill-poter tas-soċjetà Krigar Developments Limited (C30913) l-appartament internament numerat bin-numru 7 li jifforma parti minn blokk ta' appartamenti bin-numru uffiċjali 35 fi Triq San Patrizju f'Birżebbuġa, liema kuntratt qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok. A. Illi l-pjanta tal-appartament de quo qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. B;

Illi s-sehem indiviż ta'dan l-appartament appartenenti lil Peter Leaf iddevolva fuq uliedu l-esponenti Joanne Paynter, Victoria Sampson u Samantha Fletcher fi kwoti ndaqs bejniethom wara l-mewt tiegħu nhar it-3 ta' Novembru, 2018. Illi fl-4 ta' April, 2019 fl-atti tan-Nutar Dott. Margaret Heywood, saret id-dikjarazzjoni causa mortis, hawn annessa u mmarkata bħala Dok. C;

Illi għal kull bon fini qiegħed jiġi dikjarat illi minn riċerka illi saret jirriżulta li:

i. Oriġinarjament l-art fuq liema inbena l-appartament de quo kienet tifforma parti minn porzjon akbar diviż ta' art ta' superfice ta' ċirka 159qk formanti parti mill-art denominata Tal-Ġurġier fi Triq San Patrizju f'Birżebbuġa, liema art oriġinarjament kienet tappartjeni lil Carmelo Zammit li kien kkonċedieha b'ċens perpetwu lil Emanuel Baldacchino permezz ta' kuntratt ta' emfitewsi fl-Atti tan-Nutar Dott. Giovanni Vella datat 28 ta' Diċembru, 1944 (hawn anness u mmarkat bħala Dok. C) liema porzjon diviż ta' art kien suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' seba' liri ħames xelini u disa' soldi (Lm7.5.9) li jitħallsu kull sena b'lura fis-

Leaf et vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent, number 1337/2023 in the names of Janet Leaf, pensioner, daughter of the late Sydney Thompson and Vera née Aspinall, born in Hull, England and residing in Birżebbuġa (ID 0021983A), Joanne Paynter, real estate agent, daughter of Janet Leaf and the late Peter Leaf, born in Hull, England and residing in Victoria, Australia, (passport number PB5828605), Victoria Sampson, teacher, daugher of Janet Leaf and the late Peter Leaf born in Hull England and residing in Leeds in England (passport number 534769199 and Samantha Fletcher, wieght loss consultant, daughter of Janet Leaf and the late Peter Leaf, born in Hull England and residing in Hull England (passport number 124937573) vs Deputy Curators to represent the unknown heirs of Carmelo Zammit, filed in the First Hall of the Civil Court on the 28th June, 2023, the applicants Janet Leaf (ID 0021983A), Joanne Paynter (passport number PB5828605), Victoria Sampson (passport number 534769199) and Samantha Fletcher (passport number 124937573) respectfully submitted:

That by means of a contract of acquisition in the records of Notary Dr Margaret Heywood dated 17th May, 2010, the applicants Janet Leaf acquired with her late husband Peter Leaf from the power of the company Krigar Developments Limited (C30913) the apartment internally numbered 7 which forms part of a block of apartments with official number 35 in Triq San Patrizju in Birżebbuġa, which contract is here attached and marked as Doc. A. That the plan of the apartment de quo is being here attached and marked as Doc. B;

That the divided share of this appartement belonging to Peter Leaf was inherited by his children the applicants Joanne Paynter, Victoria Sampson and Samantha Fletch in equal shares between them, after his death on the 3rd November, 2018. On the 4th April, 2019, in the records of Notary Doctor Margaret Heywood, a causa mortis declaration was made, here attached and marked as Doc. B;

That for all intents and purposes it is being declared that from research carried out it results that:

i. Originally the land on which the apartment de quo was built formed part of a larger divided portion of land of superfice of about 159 square canes forming part of the land denominated Tal-Ġurġier in Triq San Patrizju in Birżebbuġa, which land originally belonged to Carmelo Zammit who had granted it by perpetual groundrent to Emanuel Baldacchino by means of a contract of emphyteusis in the records of Notary Doctor Giovanni Vella dated 28th December, 1944 (here attached and marked as Doc. C) which divisable portion of land was subject to the annual and perpetual groundrent of seven liri five shillings and nine pence (Lm7.5.9) payable

16 ta' Lulju. Illi Emanuel Baldacchino kien ġja bena terran u mezzanin a spejjeż tiegħu fuq parti minn dan il-porzjon diviż ta' art, u dan kif muri fil-pjanta annessa mal-istess Dok. D,

ii. Sussegwentement, b'kuntratt ta' donazzjoni ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dott. George Cassar datat 2 ta' Mejju, 1981, Raphael Baldacchino akkwista l-mezzanin numru 42 b'titolu ta' donazzjoni mingħand il-ġenituri tiegħu Emanuel Baldacchino u Concetta née Vella,

iii. Illi Emanuel Baldacchino miet fl-10 ta' Marzu, 1987, filwaqt li Concetta Baldacchino mietet fit-18 ta' April, 1983. It-testatur Emanuel Baldacchino ħalla bħala eredi universali lil uliedu Doris Mifsud née Baldacchino, Josephine Callus née Baldacchino, Raphael Baldacchino, Joseph Baldacchino, Paul Baldacchino u Catherine Abdilla née Baldacchino u filwaqt li t-testatriċi Concetta Baldacchino ħalliet bħala eredi universali tagħha lil uliedha Raphael Baldacchino, Joseph Baldacchino, Paul Baldacchino u Catherine Abdilla née Baldacchino,

iv. Illi Raphael Baldacchino miet ġuvni fil-21 ta' April, 2005, mingħajr testment u wirtuh ħutu kollha u ċjoè Doris Mifsud née Baldacchino, Josephine Callus née Baldacchino, Joseph Baldacchino, Paul Baldacchino u Catherine Abdilla née Baldacchino (iktar 'il quddiem ilkoll flimkien imsejħa 'aħwa Baldacchino'),

v. Illi permezz ta' kuntratt ieħor fl-atti tan-Nutar Dott. Marco Burlo, datat l-1 ta' Ġunju, 2006, l-aħwa Baldacchino biegħu u trasferixxew il-mezzanin numru 33 ġja numru 42 sovrapost għat-terran numru 34 ġja 41 lis-soċjetà Krigar Developments Limited (C30913), liema mezzanin kien suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' 84c6m ekwivalenti għal ċirka €1.97,

vi. Illi s-soċjetà Krigar Developments Limited iddemoliet u żviluppat il-mezzanin sopradeskritt u l-arja tiegħu flimkien mat-terran sopradeskritt u kantina, liema terran u kantina ġew akkwistati mill-istess soċjetà permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. Marco Burlo datat 13 ta' Frar, 2008, u minflok ikkostruwit blokk konsistenti f'garage complex fis-semi-basement level, maisonette, tliet appartamenti u penthouse (aktar 'il quddiem imsejjaħ il-Blokk) liema art qiegħda tiġi delinjata fuq il-Land Registry Site Plan hawn annessa u mmarkata bħala Dok. E,

vii. Illi l-apartament de quo li jifforma parti minn dan il-Blokk żviluppat mis-soċjetà Krigar Developments Limited, ġie akkwistat mill-esponenti permezz tal-kuntratt su-riferit;

Illi l-kuntratt tal-akkwist tal-appartament de quo (Dok. A) jistipola illi l-istess appartament huwa suġġett għas-

annually in arrears on the 16th July. That Emanuel Baldacchino had already built a ground floor premises and mezzanine at his own expense on part of this divided portion of land, and this as shown in the plan attached with the same Doc. D,

ii. Subsequently, by a deed of donation published in the records of Notary Dr George Cassar dated 2nd May, 1981, Raphael Baldacchino acquired the mezzanine number 42 by title of donation from his parents Emanuel Baldacchino and Concetta née Vella,

iii. That Emanuel Baldacchino died on the 10th March, 1987, whilst Concetta Baldacchino died on the 18th April, 1983. Testator Emanuel Baldacchino left as universal heir his children Doris Mifsud née Baldacchino, Josephine Callus née Baldacchino, Raphael Baldacchino, Joseph Baldacchino, Paul Baldacchino and Catherine Abdilla née Baldacchino and while testator Concetta Baldacchino left as her universal heir her children Raphael Baldacchino, Joseph Baldacchino, Paul Baldacchino and Catherine Abdilla née Baldacchino,

iv. That Raphael Baldacchino died as bachelor on the 21st April 2005 without a will and was inherited by all his brothers and sisters and namely Doris Mifsud née Baldacchino, Josephine Callus née Baldacchino, Joseph Baldacchino, Paul Baldacchino and Catherine Abdilla née Baldacchino (hereinafter together referred to as 'brothers and sisters Baldacchino),

v. That by means of another contract in the records of Notary Dr Marco Burlo, dated 1st June, 2006, the brothers and sisters Baldacchino sold and transferred the mezzanine number 33 previously number 42 overlying the tenement number 34 previously 41 to the company Krigar Developments Limited (C30913), which mezzanine was subject to the annual and perpetual groundrent of 84c6m equivalent to €1.97,

vi.That the company Krigar Developments Limited demolished and developed the above described mezzanine and its airspace together with the above described terrain and cellar, which terrain and cellar were acquired by the same company by means of a contract in the records of Notary Dr Marco Burlo dated 13th February, 2008, and instead built a block consisting in a garage complex at the semi-basement level, maisonette, three apartments and penthouse (hereinafter referred to as the Block) which land is being delineated on the Land Registry site. Plan hereby attached and marked as Doc. E,

vii. That the apartment de quo forming part of this Block developed by the company Krigar Developments Limited, was acquired by the applicant by means of a contract above referred to;

That the contract of acquisition of the apartment de quo (Doc. A) stipulates that the same apartment is subject to its

sehem tiegħu proporzjonali taċ-ċens annwu u perpetwu gravanti l-Blokk. Illi s-sehem proporzjonali ta' ċens qiegħed jiġi kkalkulat ċirka €0.70 u dan skont is-segwenti konsiderazzjonijiet:

i. Illi s-sit fejn ġie kostruwit il-Blokk kien oriġinarjament jikkonsisti f'mezzanin u terran u skont l-att ta' donazzjoni sopraċitat, dawn il-fondi kienu suġġetti għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' €1.97 u €1.96 rispettivament u ċjoè flimkien ammontanti għal €3.93,

ii. Illi għalhekk is-sehem taċ-ċens proporzjonali gravanti l-appartament de quo huwa dak ta' ċirka €0.70;

Illi s-sid jew sidien li għandhom id-directus dominus ta' dan l-appartament huma injoti għall-esponenti u dan minkejja kull tentattiv illi sar minnhom u għalhekk qiegħed jiġi ppreżentat rikors kontestwali biex jinħatru kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw is-sid jew sidien mhux magħrufa;

Illi llum l-esponenti jixtiequ li jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà lilhom mogħtija skont il-liġi u dan ai termini tal-Artikolu 1501 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u jifdu dan l-istess ċens annwu u perpetwu ta' €0.70, liema ċens relattiv għandu jiġi mifdi bir-rata ta' 3% u dan kif stipulat fil-kuntratt ta' emfitewsi su ċitat li jiġi hekk kapitalizzat fl-ammont ta' €23.34;

Illi kontestwalment l-esponenti qegħdin jirregolaw ruħhom mal-istess liġi u permezz tal-preżenti ċedola ta' depożitu qegħdin jiddepożitaw a favur tal-mittenti is-somma ta' €8.40 rappreżentanti ċens annwu u perpetwu mhux imħallas għas-sena dekorribbli mis-16 ta' Lulju, 2011 sas-16 ta' Lujlu, 2023;

Illi l-esponenti sabiex jottempraw ruħhom mal-liġi qegħdin jiddepożitaw ukoll is-somma ta' €0.70 rappreżentanti laudemium.

Għaldaqstant, l-esponenti qegħdin umilment jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha qegħdin jiddepożitaw is-somma globali ta' €32.44 konsistenti fl-ammont ta' €23.34 prezz tal-fidi taċ-ċens annwu u perpetwu hawn fuq imsemmi, l-ammont ta' €8.40 rappreżentanti l-ħlas ta' arretrati ta' ċens kif hawn aktar 'il fuq deskritt u l-ammont ta' €0.70 rappreżentanti ħlasijiet tad-dritt tal-lawdemju, sabiex din l-istess somma hekk depożitata tkun tista' tingħata liberament lil min għandu dritt skont il-liġi wara li tiġi rilaxxjata d-debita riċevuta skont il-liġi.

Esponenti: 35, Flat 7, Triq San Patrizju, Birżebbuġa

Notifika: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Reġistru Pubbliku, Il-Belt Valletta

proportional share of the annual and perpetual groundrent burdening the Block. That the proportional share of groundrent is being calculated circa €0.70 and this according to the following considerations:

i. That the site where the Block was built originally consisted of a mezzanine and ground floor premises and according to the above mentioned deed of donation, these premises were subject to the annual and perpetual groundrent of €1.97 and €1.96 respectively and that is together amounting to €3.93,

ii. That thus the share of the proportional groundrent burdening the apartment de quo is that of about €0.70;

That the owner or owners who have the directus dominus of this apartment are unknown to the applicants and this despite any attempt made by them and thus a contextual application is being filed for the appointment of deputy curators to represent the unknown owner or owners;

That today the applicants wish to avail themselves of the faculty given to them according to law and this in terms of Article 1501 of Cap. 16 of the Laws of Malta and redeem the same annual and perpetual groundrent of €0.70 which relative groundrent is to be redeemed at the rate of 3% and this as stipulated in the contract of emphyteusis and mentioned which is so capitalised in the amount of €23.34;

That at the same time the interpellants are regulating themselves with the same law and by means of the present schedule of deposit are depositing in favour of the interpellant the sum of €8.40 representing annual and perpetual groundrent not paid for the year running from the 16th July, 2011 till the 16th July, 2023;

That the applicants in order to abide with the law are depositing also the sum of €0.70 representing laudemium.

Thus, the applicants are humbly calling upon this Honourable Court and under its authority are depositing the global sum of €32.44 consisting in the amount of €23.34 price of redemption of the annual and perpetual groundrent above mentioned, the amount of €8.40 representing the payment of arrears of groundrent as above described and the amount of €0.70 representing the fees of the laudemium, so that this same sum deposited can be freely given to whoever has a right according to law after leaving the due receipt according to law.

Applicants: 35, Flat 7, Triq San Patrizju, Birżebbuġa

Notification: Director Public Registry, Public Registry, Valletta

Dipartment tar-Reġistru tal-Artijiet, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta

Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Toni Abela, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 6 ta' Lulju, 2023

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 15 ta' Marzu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

Dipartment of Land Registry, Triq il-Punent, Valletta

Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Toni Abela, LLD, Doctor of Laws.

Today 6th July, 2023

Registry of the Superior Courts, today 15th March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

640

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, Sede Kostituzzjonali, fil-25 ta' Jannar, 2024, fl-atti tar-Rikors Kostituzzjonali numru 378/2023JVC, li ġie ppreżentat fil-21 ta' Lulju, 2023, fl-ismijiet: Vassallo Neville vs l-Avukat tal-Istat et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12, biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħallas l-istess kumpens u danni likwidati ai termini tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea u ai termini ta' kull provediment ieħor fil-liġi. Bl-ispejjeż kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Kostituzzjonali fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-21 ta' Marzu, 2024, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimat: Bugeja George, 33, New Street, Is-Siġġiewi

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 15 ta' Marzu, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, Constitutional Jurisdiction, on the 25th January, 2024, in the records of Constitutional Application number 378/2023JVC, which was presented on the 21st July, 2023, in the names: Vassallo Neville vs the State Advocate et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap.12, for the purpose of service of the respondents. The applicant asked this Honourable Court to, among others: Condemn the respondents or either of whom to pay the same compensation and liquidated damages in terms of Article 41 of the European Convention and in terms of any other provision at law. With costs against the respondents who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Constitutional Application in the names mentioned above is postponed to 21st March, 2024, at 9.00 a.m.

Notify Respondent: Bugeja George, 33, New Street, Siġġiewi

Registry of the Superior Courts, today 15th March, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

641

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-20 ta' Frar, 2024, fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 70/2024/1DC, li ġie ppreżentat fis-16 ta' Jannar, 2024, fl-ismijiet: Cassar Pierre Nutar vs Proper T Group Limited, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12, biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tordna l-ħruġ ta' dan il-Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimat.

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 20th February, 2024, in the records of the Warrant of Prohibitory Injunction number 70/2024/1DC, which was filed on the 16th January 2024, in the names: Cassar Pierre Nutar vs Proper T Group Limited, the following publication was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap.12, for the purpose of service of the respondent. The applicant asked this Honourable Court to, among others: Order the issuing of the Warrant of Prohibitory Injunction against the respondent.

Il-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-16 ta' April, 2024, fl-11.45 a.m.

The Warrant of Prohibitory Injunction in the names mentioned above is postponed to 16th April, 2024, at 11.45 a.m.

Notifika Intimat: Proper T Group Limited, 25, Triq il-Ġjaċint, San Ġwann

Notify Respondent: Proper T Group Limited, 25, Triq il-Ġjaċint, San Ġwann

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Frar, 2024

Registry of the Superior Courts, today 22nd February, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

642

Illi b'digriet tat-Tribunal Għal Talbiet tal-Konsumatur, tal-5 ta' Diċembru, 2023, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

By a decree of the Consumer Claims Tribunal of the 5th December 2023, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Karen Cremona ta' Brush Wood Flt 2, Triq Dun Ġorġ Zammit Birżebbuġa, ippreżentat Talba, fit-3 ta' Marzu, 2023, fejn talbet lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil CK Construction Supplies (Cedric Bartolo) ta' 5, Triq G. Grech Delicata, Birkirkara. sabiex iħallas lill-attriċi s-somma ta' €5,182, liema ammont huwa dovut lill-attrici.

Karen Cremona ta' Brush Wood Flt 2, Triq Dun Ġorġ Zammit, Birżebbuġa, filed a Claim on the 3rd March, 2023, whereby she asked the Tribunal to condemn CK Construction – Supplies (Cedrick Bartolo) of 5, Triq G. Grech Delicata, Birkirkara, to pay the plaintiff the sum of €5,182, which amount is due to the plaintiff.

Il-kawża (CCT numru 76/2023) hija differita għas-16 ta' April, 2024, fit-8.20 a.m.

The case (CCT number 76/2023) is deferred on the 16th April, 2024, at 8.20 a.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 15 ta' Marzu 2024

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 15th March 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

643

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-14 ta' Ġunju, 2023, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 14th June, 2023, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service on the respondent Rawia

sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fil-konfront ta' Rawia Barbara.

Go plc (C22334) ta' GO, Triq Fra Diegu, Il-Marsa MRS 1501, ippreżentat Talba, fit-28 ta' Marzu, 2023, fejn talbet lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Rawia Barbara (KI 378719L) ta' Medlara Maisonette 2, Belveder Court, Triq Gianni Chetcuti, Il-Mosta MST 1209, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €2331.66, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali

Il-kawża (Avviż numru 124/2023IS) hija differita għat-8 ta' April, 2024, fis-1.15p.m.

Notifika: Rawia Barbara (ID 378719L) ta' Medlara Maisonette 2, Belveder Court, Triq Gianni Chetcuti, Il-Mosta MST 1209

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 15 ta' Marzu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Barbara in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Go plc (C22334) of GO, Triq Fra Diegu, Marsa MRS 1501, filed a Claim on the 28th March, 2023, whereby they asked the Tribunal to condemn Rawia Barbara (ID 378719L) of Medlara Maisonette 2, Belveder Court, Triq Ganni Chetcuti, Mosta, MST 1209, to pay the plaintiff company the sum of €2331.66, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests

The case (Claim number 124/2023IS) is deferred on the 8th April, 2024 at 1.15p.m.

Notification: Rawia Barbara (ID 378719L) of Medlara Maisonette 2, Belveder Court, Triq Gianni Chetcuti, Mosta MST 1209

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 15th March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

644

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-6 ta' Ottubru, 2023, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika fil-konfront tal-konvenut Khaled Ali Musbah skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Elmo Insurance Limited (C3500) ta' Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, ippreżentat Talba, fid-9 ta' Awwissu, 2023, fejn talbet lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Khaled Ali Musbah (KI 0073526A) ta' Flat 5, Victoria Place, Triq il-Gabillott, Is-Swieqi, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €3,606.04, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali

Il-kawża (Avviż numru 278/2023DBM) hija differita għat-18 ta' April, 2024, fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 15 ta' Marzu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 6th October 2023, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12) on the respondent Khaled Ali Musbah.

Elmo Insurance Limited (C3500) of Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, filed a Claim on the 9th August, 2023, whereby they asked the Tribunal to condemn Khaled Ali Musbah (ID 0073526A) of Flat 5, Victoria Place, Triq il-Gabillott, Swieqi, to pay the plaintiff company the sum of €3,606.04, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests

The case (Claim number 278/2023DBM) is deferred on the 18th April, 2024, at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 15th March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

645

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fl-1 ta'

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 1st December, 2023,

Diċembru 2023, Rikors numru 1955/2023, minn Francis Azzopardi fejn talab li tiġi ddikjarata miftuħa favur Francis Azzopardi żewġ id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (1/2) indiviż favur Jonathan Azzopardi, bin id-decujus fi kwota ta' kwart (1/4) indiviż u favur Nicole Azzopardi bint il-mejjet Ruben Azzopardi dan tal-aħħar iben id-decujus fi kwota ta' kwart (1/4) indiviż is-suċċessjoni ta' Carmen Azzopardi, mart Francis Azzopardi, bint il-mejtin John Hili u Theodora Hili ee Xerri, imwielda x-Xewkija, Għawdex, Malta, kienet residenti ż-Żejtun u mietet l-Imsida fl-4 ta' Settembru, 2021, ta' 70 sena, u li kellha karta tal-identità numru 90150G.

Application number 1955/2023, by Francis Azzopardi whereby he requested that it be declared open in favour of Francis Azzopardi husband of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share and the remaining one half (1/2) undivided share each in favour of Jonathan Azzopardi, son of the decujus in the quota of one fourth (1/4) undivided share and in favour of Nicole Azzopardi daughter of the late Ruben Azzopardi the latter son of the decujus in the quota of one fourth (1/4) undivided share the succession of Carmen Azzopardi, wife of Francis Azzopardi, daughter of the late John Hili and Theodora Hili née Xerri, born in Xewkija, Gozo, Malta, resided in Żejtun, Malta, and died in Msida, Malta, on the 4th September, 2021, aged 70, and who held identity card number 90150G.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Illum 15 ta' Marzu, 2024

Today 15th March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

646

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fil-15 ta' Frar 2024, Rikors numru 150/2024, minn Anton Sevasta et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Anton Sevasta u Miriam Sevasta wlied id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż kull wieħed u waħda minnhom is-suċċessjoni ta' Josephine Sevasta, armla ta' Fortunato Sevasta, bint il-mejtin Gerald Caruana u Maria Dolores née Callus, imwielda Bormla, Malta, u mietet l-Imsida, Malta, fit-12 ta' Ġunju, 2023, ta' 76 sena, u li kellha karta tal-identità numru 923444M.

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 15th February, 2024, Application number 150/2024, by Anton Sevasta et whereby they requested that it be declared open in favour of Anton Sevasta and Miriam Sevasta children of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share each one of them the succession of Josephine Sevasta, widow of Fortunato Sevasta, daughter of the late Gerald Caruana and Maria Dolores née Callus, born in Cospicua, Malta, and died in Msida, Malta, on the 12th June, 2023, aged 76, and who held identity card number 923444M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Illum 15 ta' Marzu, 2024

Today 15th March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

647

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fl-14 ta' Marzu 2023, Rikors numru 484/2023, minn Jesmond Formosa et fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Jesmond Formosa u Anthony sive Antoine Formosa ulied id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż kull wieħed minnhom is-suċċessjoni ta' Joseph Formosa, armel ta' Jane Formosa née Brincat,imwieled Birkirkara, Malta, kien residenti Ħaż-Żabbar, Malta, u miet Ħaż-Żabbar, Malta, fid-9 ta' Frar, 2022, ta' 80 sena u li kellu karta tal-identità numru 211441M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 15 ta' Marzu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 14th March, 2023, Application number 484/2023, by Jesmond Formosa et whereby they requested that it be declared open in favour of Jesmond Formosa and Anthony sive Antoine Formosa children of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share each one of them the succession of Joseph Formosa, widower of Jane Formosa née Brincat born in Birkirkara, Malta resided in Ħaż-Żabbar, Malta, and died in Ħaż-Żabbar, Malta, on the 9th February, 2022, aged 80, and who held identity card number 211441M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 15th March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

648

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fis-26 ta' Ottubru, 2023, Rikors numru 1815/2023, minn Joe Charles Borg noe fejn talab li tiġi ddikjarata miftuħa favur Jake Borg is-suċċessjoni ta' Olivia Borg née Spiteri, legalment separata minn Joe Charles Borg, bint Anthony Spiteri u Victoria Spiteri née Bartolo, imwielda Tal-Pietà, Malta, kienet residenti l-Mosta, Malta, u mietet l-Imsida, Malta, fit-22 ta' Diċembru, 2022, ta' 43 sena, u li kellha karta tal-identità numru 438079M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 15 ta' Marzu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 26th October, 2023, Application number 1815/2023, by Joe Charles Borg noe whereby he requested that it be declared open in favour of Jake Borg the succession of Olivia Borg née Spiteri, legally separated from Joe Charles Borg, daughter of Anthony Spiteri and Victoria Spiteri née Bartolo born in Tal-Pietà, Malta, resided in Mosta, Malta and died in Msida, Malta, on the 22nd December, 2022, aged 43, and who held identity card number 438079M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 15th March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

649

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-4 ta' April, 2023, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2170/2022, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd noe vs Claude Paris, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Claude Paris a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 29 ta' Awwissu, 2022

Lil Claude Paris (KI 386578M) ta' Calm Waters Blk B, Fl 11, Triq Dun Anton Debono, San Ġiljan.

Permezz tal-preżenti Automated Revenue Management Services Ltd (C46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' €14,009.77, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum tal-ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista tal-elettriku jew ir-regolamenti dwar il-fornitura tal-ilma, flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont skont il-liġi relatat mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 411000061511 ossija dwar il-fond bl-indirizz Jessie's Bar, Triq St Andrew's, St Andrew's.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Aktar minn hekk ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddu biex tesegwixxu dan il-kreditu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 15 ta' Marzu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 4th April 2023, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 2170/2022 in the names Automated Revenue Management Services Limited noe vs Claude Paris the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Claude Paris in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 29th August, 2022

To Claude Paris (ID 386578M) of Calm Waters Blk B, Fl 11, Triq Dun Anton Debono, St julian's

By the present, Automated Revenue Management Services Limited (C46054) of Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta plc and Water Services Corporation, notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €14,009.07 which amount is sure, liquid and due and representing the balance due for the consumption of water and electricity, rent of water and electricity meter, administrative fees, connection and disconnection fees, and/or any other payment according to the electricity supply regulations and the water supply regulations together with interest due on the amount according to law regard the utility bills number 411000061511 regarding the premises Jessie's Bar, Triq St Andrew's, St Andrew's.

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 15th March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

650

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-8 ta' Ġunju, 2023, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 961/2023, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd noe vs Joseph Calleja, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Joseph Calleja a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 28 ta' Marzu, 2023

Lil Joseph Calleja (KI 300578M) ta' Binja Santa Venera, Blk G, Fl. 8, Triq Patri Gustin Sant, Santa Venera

Permezz tal-preżenti Automated Revenue Management Services Ltd (C46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' €5,155.25, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum tal-ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista tal-elettriku jew ir-regolamenti dwar il-fornitura tal-ilma, flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont skont il-liġi relatat mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 101000018187 ossija dwar il-fond bl-indirizz Flt 8, Blk G, Binja Santa Venera, Santa Venera.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Aktar minn hekk ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddu biex tesegwixxu dan il-kreditu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 15 ta' Marzu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 8th June, 2023, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 961/2023 in the names Automated Revenue Management Services Limited noe vs Joseph Calleja the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Joseph Calleja in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 28th March, 2023

To Joseph Calleja (ID 300578M) of Binja Santa Venera, Blk G, Fl. 8, Triq Patri Gustin Sant, Santa Venera

By the present, Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) of Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta plc and Water Services Corporation, notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €5,155.25, which amount is sure, liquid and due and representing the balance due for the consumption of water and electricity, rent of water and electricity meter, administrative fees, connection and disconnection fees, and/or any other payment according to the electricity supply regulations and the water supply regulations together with interest due on the amount according to law regard the utility bills number 101000018187 regarding the premises Flt 8, Blk G, Binja Santa Venera, Santa Venera.

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 15th March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

651

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti , fl-20 ta' Frar, 2024, fuq talba ta' Integrated-Capabilities (Malta) Limited ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Coey Edwin fl-atti tal-Appell numru 24/2023, fl-ismijiet Coey Edwin vs Integrated Capabilities (Malta) Limited u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors ippreżentat, fil-Qorti tal-Appell, fl-ismijiet Edwin Coey (Passaport numru 506498093) vs Integrated-Capabilities (Malta) Limited (C50348), fit-3 ta' Marzu, 2023, ir-rikorrenti Integrated-Capabilities (Malta) Limited (C50348) talbet bir-rispett:

Illi tagħmel referenza għall-provi kollha ġja prodotti quddiem l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji u filwaqt li tirriżerva d-dritt li tressaq dawk il-provi kollha lilha premessi skont il-liġi, u titlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirrevoka, tħassar jew tvarja s-sentenza li ttieħdet mill-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji fit-13 ta' Frar, 2022, u dan salv dawk li jidhrilha xieraq u opportun din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż kontra l-appellat

Rikorrenti: 4/1 Bohemia Business Hub, 150, Independence Avenue, Il-Mosta, Malta

Notifiki: Edwin Coey, 14, Eastlake Avenue, Parkstone, Poole, England BH124DG
Kuraturi deputati, Il-Qorti, Il-Belt Valletta

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u sejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Appell hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Lawrence Mintoff, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 20 ta' Frar, 2024

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court.

By means of a decree given by this Court, on the 20th February, 2024, following a request of Integrated-Capabilities (Malta) Limited it was ordered that deputy curators be chosen to represent the absentee Edwin Coey in the records of Appeal number 24/2023 in the names Coey Edwin vs Integrated-Capabilities (Malta) Limited and in the other relative and subsequent acts.

By means of an Application, filed in the Court of Appeal, in the names Edwin Coey (Passport number 506498093) vs Integrated-Capabilities (Malta) Limited (C50348), on the 3rd March, 2023, the applicant Integrated-Capabilities (Malta) Limited (C50348) requested with respect:

Whilst making reference to all the evidence already produced before the Arbiter for Financial Services and whilst reserving the right to bring forward all the evidence as she is allowed to put forward in terms of law, it respectfully requests this Honourable Court to revoke, cancel or vary the judgement delivered by the Arbiter for Financial services on the 13th February, 2022, and this saving those directions that this Honourable Court deems fit and opportune to give.

With costs against the respondent

Applicant: 4/1 Bohemia Business Hub, 150, Independence Avenue, Mosta, Malta

Notification: Edwin Coey, 14, Eastlake Avenue, Parkstone, Poole, England BH124DG
Deputy curators, Law Courts, Valletta

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in th execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Court of Appeal, above mentioned, with the witness of the Hon. Justice Lawrence Mintoff, LLD, Doctor of Laws.

Today 20th February, 2024

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 15 ta' Marzu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 15th March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

652

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti fid-19 ta' Frar, 2024, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 729/2023, fl-ismijiet Viviana Beatriz Dalmas vs Montana Due Management Partnership, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat, a tenur tal-artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 16 ta' Frar, 2023

Lil Montana Due Management Partnership (P COMM 244) ta' 4, Misraħ Indipendenza, Il-Belt Valletta VLT 1520

Permezz tal-preżenti Viviana Beatriz Dalmas (passaport Taljan YA9013401) tinterpellakom sabiex entro tletin (30) jum mid-data tan-notifika ta' din l-ittra tersqu għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni sofferti mill-mittenti nhar is-16 ta' Lulju, 2022, waqt l-għandt tax-xogħol abbord il-yacht Cara Montana stante illi l-mittenti soffriet griehi gravi u ċjoe kisret numru ta' kustilji minħabba aġir negliġenti, imprudenti u perikoluż imputabbli unikament lilkom.

Inoltre, l-istess Viviana Beatriz Dalmas tinterpellakom sabiex entro t-termini fuq indikat, tħallsu l-ispejjeż mediċi inkorsi mill-mittenti kif ukoll tagħmlu tajjeb għat-telf ta' qligħ riżultat tal-ġrieħi sofferti mill-istess.

Għaldaqstant, in vista tal-fatt illi dan l-inċident seħħ unikament a kawża tat-traskuraġni u l-imperizja tagħkom jew min minnkom inkluż b'riżultat ta' inosservanza akuta tar-regolamenti tas-saħħa u s-sigurtà relattivi, il-mittenti tinterpellakom sabiex taddivjenu għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni subiti minnha.

F'każ li tonqsu milli taderixxu mal-premess, il-mittenti qiegħda tirriżerva d-dritt li tipproċedi ulterjorment fil-konfront tagħkom, inkluż bil-ħruġ tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tgħarrfu tirregolaw ruħkom.

Mittenti; Dott. Abigail Bugeja nomine, 53, Triq it-Teatru l-Antik, Il-Belt Valletta

Reġistru Qrati Superjuri, illum 15 ta' Marzu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the First Hall of Civil Courts by means of a decree given on the 19th February, 2024, in the records of the judicial letter number 729/2023, in the names Viviana Beatriz Dalmas vs Montana Due Management Partnership, ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondent, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 16th February, 2023

To Montana Due Management Partnership (P COMM 244) of 4, Misraħ Indipendenza, Valletta VLT 1520

By means of this present Viviana Beatriz Dalmas (Italian passport YA9013401) solicits you so that within thirty (30) days from the date of notification of this letter you come forward for the liquidation and payment of damages suffered by the interpellant on the 16th July 2022, whilst working on board the yacht Cara Montana since the interpellant suffered grievous injuries and namely broke a number of ribs due to negligent, recklessness and dangerous actions imputable solely to you.

Furthermore, the same Viviana Beatriz Dalmas calls upon you so that within the time above indicated, you pay the medical expenses incurred by the interpellant as well as make good the loss of profit resulting from the injuries suffered by the same.

Thus, in view of the fact that this incident occurred solely due to your negligence and lack of skill or either of you including as a result of serious non-observance of the relative health and safety regulations, the interpellant solicits you to come forward for the liquidation and payment of damages suffered by her.

In case you fail to abide with the above, the interpellant is reserving the right to proceed further against you, including with the issue of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourselves.

Interpellant: Dr Abigail Bugeja nomine, 53, Triq it-Teatru l-Antik, Valletta

Registry of the Superior Courts, today 15th March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*